A.L. 21 ta' l-1997

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Ordni ta' Revoka ta' l-1997 ta' l-Ordni dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income)* (Stati Uniti ta' l-Amerika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi ordna li l-Ordni ta' l-1984 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Stati Uniti ta' l-Amerika), pubblikat bl-Avviż Legali Nru. 61 ta' l-1984, qiegħed b'dan jiġi revokat dwar taxxi li jinġabru għas-sena ta' stima 1998 u snin ta' stima sussegwenti. Dan l-ordni għandu jibda jseħħ malli jiġi pubblikat fil-Gazzetta.